MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 749/2008/1

**Simonds Farsons Cisk plc**

**vs**

**Raymond Martin Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Frar, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-**Avviz** pprezentat fid-9 ta' Ottubru 2008, fejn is-socjeta` attrici qeghda titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Raymond Martin Camilleri ihallas s-somma komplessiva ta' tlett elef u mitejn u tmienja u hamsin euro u disgha u hamsin centezmu (€3,258.59), li tirraprezenta self moghti lill-konvenut, u hija dovuta mill-istess

konvenut favur is-socjeta` attrici Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C113) skond l-*istatement of account* immarkat Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dak tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, li huwa issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tat-3 ta' Novembru 2008 li permezz taghha huwa eccepixxa:

(1) illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, il-kawzali ta' l-azzjoni odjerna huma zbaljati, stante li mhuwiex minnu li l-allegat kreditu jirraprezenta prezz ta' prodotti mibjugha u debitament konsenjati lill-esponent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici inkluzi dawk tar-risposta ghall-ittra ufficjala datata u pprezentata fis-6 t'Awissu 2008.

Sema` x-xhieda kollha u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni wara illi d-difensuri tal-partijiet ttrattaw il-kawza.

Ikkunsidra :

Illi t-tieni eccezzjoni giet sorvolata meta s-socjeta` attrici talbet korrezzjoni fis-sens illi l-kliem "prezz ta' prodotti mibjugha u debitament kkonsenjati" jkunu sostitwiti bil-kliem "self moghti" – u t-Tribunal, b'digriet fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2008 laqa` t-talba filwaqt illi l-konvenut ta ruhu b'notifikat u sussegwentament, permezz ta' nota

tal-1 ta' Dicembru 2008 l-konvenut zamm ferm l-ewwel eccezzjoni tieghu – dik ta' preskrizzjoni.

Illi **Raymond Martin Camilleri**, ikkonferma bil-gurament fis-16 ta' Marzu 2009 l-affidavit li permezz tieghu jikkonferma li kien jiggestixxi l-hanut '*Silver Jubilee Bar'*, fi Triq il-Kbira, ir-Rabat sal-31 ta' Dicembru tas-sena 2002, wara liema data hu qatt ma kellu x'jaqsam b'xi mod jew iehor mal-kumpanija attrici. Jirreferi ghall-*istatements* prodotti mill-kumpanija attrici hemm zewg *entries* li juru d-dati tas-27 ta' Mejju 2005. Il-konvenut jikkonferma ukoll li f'dak iz-zmien kien waqaf milli jopera f'dak il-hanut u inoltre` z-zewg *entries* ma jirreferu ghal ebda negozju jew hlas li ghamel hu.

Il-konvenut ipprezenta ittra (Dok RMC 1) lis-sidien ta' min fejn kien jopera n-negozju il-konvenut biex jgharrafhom illi l-lokazzjoni tal-post li kien mikri lilu kienet ser tintemm b'effett ta' l-ahhar jum tas-sena 2002.

In kontro-ezami, il-konvenut ikkonferma li ghamel xi self fis-sena f'Lulju 2001 mas-socjeta` Simonds Farsons Cisk p.l.c. ta' madwar Lm3,000 u li kellu jithallas bid-*discounts* li kien ikollu.

Il-konvenut ikkonferma li l-ftehim li kien gie esebit u mmarkat bhala Dok SFC 1 kien dak li kien lahaq mas-socjeta` attrici. Il-konvenut ikkonferma ukoll li meta kien dahal f'*agreements* simili fi snin precedenti, il-klawsola numru 7 f'dak il-ftehim qatt ma kienet tigi onorata ghax meta kien ikun hemm tip ta' klawsoli simili u kien ihallas qabel, l-*agreement* kien jigi *updated* awtomatikalment. Illi l-konvenut ikkonferma l-kontenut tal-klawsola numru 10.

**Agnes Camilleri**, prodotta mill-konvenut, ikkonfermat permezz ta' affidavit il-kontenut ta' l-affidavit ta' zewgha Raymond Martin Camilleri.

**Robert Said**, ukoll prodott mill-konvenut, ikkonferma li kien jahdem mal-konvenut u xehed ukoll li mill-1 ta’ Jannar 2003 ‘il quddiem kemm hu kif ukoll il-konvenut qatt ma resqu iktar lejn il-hanut in kwistjoni.

Ra r-risposta ulterjuri li ressaq il-konvenut fl-4 ta’ Gunju 2008 li permezz taghha ecepixxa ulterjorment illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2148(b) tal-KAP 16 tsal-Ligijiet ta’ Malta.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi fis-seduta tal-11 ta’ Gunju 2009 d-difensuri tal-partijiet qabblu illi l-kawza tithalla ghad-decizjoni dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi ghalhekk dan it-Tribunal irid jevalwa u jiddeciedi jekk l-azzjoni attrici hix preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2156(f) u 2148(b) tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-Artiklu **2156 (f)** jistipula l-preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin ghall-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.

Illi l-Artiklu **2148(b)** mbaghad jistipula illi l-azzjonijiet ta’ kredituri ghall-prezz ta’ merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut jaqghu bi preskrizzjoni ta’ tmintax il-xhar.

Illi accettata l-korrezzjoni kif mitluba – ossia illi s-somma riklamata tirrapprezenta “self” u mhux prezz ta’ prodotti mibjugha – it-Tribunal ighaddi immedjatament sabiex jiskarta l-eccezzjoni ulterjuri ibbazata fuq l-Artiklu 2148(b).

Illi dwar l-eccezzjoni sollevata mill-intimat fil-bidu ta’ dawn il-proceduri, dik ai termini ta’ l-Artiklu 2156 – u allura l-preskrizzjoni kwinkwennali, it-Tribunal qies is-segwenti konsiderazzjonijiet qabel jasal ghal decizjoni jekk l-azzjoni hix in effetti preskritta ai termini ta’ l-istess provvediment msemmi :

a) L-istatement DOK A mal-Avviz juri illi s-self sar f’Marzu 1995.

b) L-ahhar transazzjoni fuq l-istess statement of account iggib id-data tas-27 ta’ Mejju 2005.

c) Kemm mix-xhieda tal-konvenut inniffsu u kemm mix-xhieda li ressaq l-istess konvenut u kif ukoll minn DOM RMC 1, it-Tribunal huwa konvint illi l-ahhar li l-konvenut iggesstixxa l-hanut *Silver Jubilee* kien f’Dicembru 2009. Jirrizulta ukoll lit-Tribunal illi s-self kien jithallas lura mill-*commissions* maghmula mill-bejgh – u allura l-hlas lura tas-self kien direttament marbut mal-gestjoni tan-negozju tal-konvenut.

d) Illi l-konvenut jichad illi kien xi intervent tieghu illi wassal ghat-transazzjonijiet indikati bid-data 27 ta’ Mejju 2005, u s-socjeta` attrici minn naha taghha ma ressqet ebda prova illi dawk iz-zewg transazzjonijiet saru appuntu mill-konvenut, minkejja illi l-konvenut cahad dawk iz-zewg transazzjonijiet.

e) Illi a bazi ta’ dak sollevat u kkunsidrat fl-ahhar paragrafu qabel dan, allura l-ahhar transazzjoni jidher illi saret f’Novembru 2002 – li taghmel sitwazzjoni fattwali hafna aktar verosimili jekk huwa accettat illi l-gestjoni tan-negozju tal-konvenut waqqfet f’Dicembru 2002.

f) Illi ma tirrizultax illi mill-20 Novembru 2002 sal-presentata tal-Avviz, ossia d-9 ta’ Ottubru 2008,

> trapass ta' kwazi sitt snin, saret xi ittra ufficjali mis-socjeta attrici jew kien hemm xi att jew azzjoni ohra illi tista` tigi kkunsidrata illi interrompiet jew kissret il-preskrizzjoni.
>
> Illi ghalhekk jidher illi l-konvenut huwa korrett jecepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-Artiklu 2156(f) tal-KAP 16.
>
> GHALDAQSTANT, ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati, u wara illi t-Tribunal qies il-fatti kollha prodotti, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata fir-risposta originali tal-konvenut, dik ai termini ta' l-Artiklu 2156(f) u filwaqt illi jiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini ta' appuntu l-Artiklu 2156(f), jichad it-talba attrici.
>
> Bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici.**"**

Is-socjeta` attrici ticcensura s-sentenza tat-Tribunal bl-aggravju illi dan ghamel apprezzament zbaljat tal-principju legali dwar il-preskrizzjoni. Dan fis-sens illi gie injorat minnu l-fatt illi gie injoratminnu l-fatt illi hi setghet biss tazzjona lill-konvenut mhux qabel it-30 ta' Gunju, 2004;

Fl-istanza quddiem it-Tribunal il-konvenut iddefenda ruhu b'zewg tipi ta' preskrizzjonijiet ghall-azzjoni istitwita kontra tieghu mis-socjeta` attrici. Il-wahda dik sottomessa b'risposta ulterjuri ta' l-4 ta' Gunju, 2009 a norma ta' l-Artikolu 2148 (a), Kapitolu 16; l-ohra dik minnu sollevata bir-risposta primarja tat-3 ta' Novembru, 2008 a sensu ta' l-Artikolu 2156 (f), Kodici Civili. It-Tribunal cahad l-ewwel xorta ta' eccezzjoni mentri ghadda biex akkolja t-tieni xorta tal-preskrizzjoni opposta. Dan wara li qies li:-

(i) is-self sar f'Marzu 1995 bl-ahhar transazzjoni avverata fl-2002;

(ii) id-dekors ta' sitt snin mill-20 ta' Novembru, 2002 sal-prezentata ta' l-Avviz (9 ta' Ottubru, 2008)

minghajr ebda att gudizzjarju interruttiv tat-trapass taz-zmien kwinkwennali kif mill-Artikolu 2156 (f) mahsub;

Hemm qbil bejn il-partijiet illi r-rapport negozjali ta' bejniethom, ma' liema hi kollegata d-domanda ghall-hlas jitratta minn self (ara l-korrezzjoni ta' l-Avviz awtorizzat mit-Tribunal b'digriet tas-17 ta' Novembru 2008, fol. 12). Hu wkoll accettat mill-konvenut (ara kontro-ezami tieghu a fol. 34) illi dan is-self lilu ta' Lm3000 mill-kumpanija attrici sar permezz ta' skrittura ta' ftehim tat-23 ta' Lulju 2001, anke jekk sottoskritta minnu fl-24 ta' Lulju 2001 (ara kopja ta' dan il-ftehim a fol. 23);

Ghal dawk li huma l-pattijiet l-aktar saljenti ta' dan il-ftehim, sinjifikanti fosthom huma dawn li gejjin:-

(1) Il-ftehim kien validu bejn l-1 ta' Lulju 2001 sat-30 ta' Gunju, 2004 (klawsola 7);

(2) Li matul dan il-perijodu s-self kellu jintradd lura permezz ta' "*special discounts*" [klawsola 6(a)]. Dan il-patt hu mill-konvenut spjegat fis-sens illi l-kumpanija kellha skema illi biha kien ikollu dritt ghal certu ammont ta' prodotti b'xejn ma' kull ammont ta' prodotti li jixtri. Billi hu dawn il-prodotti b'xejn ma kienx jehodhom, il-valur taghhom kien jitnaqqas mill-bilanc tal-*loan*. Ara Affidavit tieghu a fol. 27;

(3) F'kaz tad-determinazzjoni tal-ftehim ghal kwalsiasi raguni l-konvenut kien obbligat jirrifondi lis-socjeta` attrici kull bilanc li jkun ghadu dovut fuq il-*loan* (klawsola 10a);

Il-konvenut appellat jghid li waqaf jiggestixxi l-hanut fl-31 ta' Dicembru, 2002, izda ma jghidx li sa dan iz-zmien kien lahaq skonta l-ammont bilancjali tas-self li kien sarlu skond il-ftehim. Ta' min jinnota illi skond klawsola 9 tal-ftehim il-konvenut, *qua* mutwatarju, kellu jibqa' responsabbli ghall-obbligazzjonijiet kollha minnu assunti

in forza ta’ l-istess ftehim, sakemm il-kumpanija mutwanti ma taccettax li taccetta li tissostitwixxi ghalih lil min jidhol warajh fit-tmexxija tal-hanut. Fil-kaz prezenti ma jidherx li sehhet qaghda bhal din;

Premessi dawn il-fatti, l-aggravju hu *stricto jure* gustifikat. Fil-kuntest, il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet segwenti:-

1. Ir-restituzzjoni tas-self kien soggett ghal terminu u tali jfisser iz-zmien ghall-ezekuzzjoni ta’ l-obbligazzjoni [Artikolu 1070 (1), Kodici Civili]. F’dan il-kaz iz-zmien kien dak espressament prevvist fl-iskrittura ta’ ftehim, ossija sat-30 ta’ Gunju, 2004 [ara Artikolu 1070 (2)];

2. Naturalment l-obbligazzjoni titwieled fil-gurnata tal-ftehim, biss dak li ma jkellux jinghata hlief fiz-zmien stabbilit ma jistax jintalab qabel l-gheluq ta’ dak iz-zmien. Ara Artikolu 1072, Kodici Civili u “**Spiridione Camilleri -vs- Neguzjant Godwin L. Muscat**”, Appell Kummercjali, 23 ta’ Ottubru, 1936;

3. Hi gurisprudenza maghrufa illi fil-kaz ta’ self ghal fini tal-preskrizzjoni wiehed kellu jhares mhux ghad-data ta’ l-iskrittura imma ghad-data li fiha kellha ssir ir-restituzzjoni. Ara “**Catherine Busuttil *et* -vs- Catherine Formosa**”, Appell Kummercjali, 12 ta’ Marzu, 1973;

4. Isegwi minn dawn il-konsiderandi illi, gjaladarba l-konvenut kellu d-dritt juzufruwixxi ruhu mit-terminu kollu lilu moghti skond l-istipulazzjoni, jigifieri sat-30 ta’ Gunju, 2004, is-socjeta` appellanti ma setghetx titlob ir-restituzzjoni tal-bilanc tas-self ghaliex dan sar hekk ezigibbli b’effett minn din id-data;

5. Evidentement, mit-30 ta’ Gunju, 2004 sal-prezentata ta’ l-azzjoni fid-9 ta’ Ottubru, 2008 ma ghaddewx il-hames snin dwar liema giet opposta l-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili

u, allura, l-eccezzjoni relattiva f'dan is-sens kellha tigi michuda u mhux akkolta;

Finalment, il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-linja difensjonali tal-konvenut appellat kienet limitata b'mod esklussiv ghaz-zewg tipi ta' preskrizzjonijiet minnu sollevati u, gjaladarba, dawn gew respinti, sija jekk mit-Tribunal fil-kaz kontemplat taht l-Artikolu 2149 (a), sija issa minn din il-Qorti fil-kaz tal-preskrizzjoni prevvista skond l-Artikolu 2156 (f), il-mertu tat-talba jibqa' konsegwentement inattakkat.

Ghal motivi suesposti l-Qorti qed tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li tikkonfermaha fejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a norma ta' l-Artikolu 2148(a), Kodici Civili, tirrevokaha f'dik il-parti taghha fejn laqghet il-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur ta' l-Artikolu 2156(f), Kodici Civili. Konsegwentement il-Qorti qed tilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------